MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 429/1990/1

**Anthony Livori, Mary Livori, Veneranda Agius, u Maria Concetta Pavia u b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2000 gew trasfuzi l-atti fl-ismijiet Mary Livori, Maria Veneranda Agius, Emanuel Livori, Josephine Bajada, Raymond Livori, Yvonne Camilleri, Mario Livori, Aldo Livori u Maria Concetta sive Marcon Pavia.**

**Vs**

**Joseph Vella, u b'digriet tas-16 ta' Mejju, 1990, gie konfermat bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-imsefrin Raphael Ebejer u Salvatore Ebejer, u b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2001 gew trasfuzi fl-ismijiet ta' Francis Vella, Antida sive Edith Ozgan u Maria Concetta Bonnici.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi:

Billi l-atturi ghal diversi snin pprestaw servigi w assistenzi lill-mejta Tereza Ebejer, u nkorrew ukoll spejjez in konnessjoni mal-istess servigi u assistenzi, kif jigi ppruvat dettaljatament waqt il-kawza.

U billi l-atturi qatt ma gew kompensati, jew qatt ma gew kompensati sufficjentament, ghas-servigi u assistenzi prestati minnhom.

U billi Tereza Ebejer mietet u halliet b'eredi taghha lill-konvenuti fil-kwota ta' terz kull wiehed.

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tillikwida, occorrendo permess ta' periti nominandi, dik is-somma li jidhrilha gusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi rezi mill-atturi lill-imsemmija Tereza Ebejer kif ukoll ghar-rifuzjoni tal-ispejjez inkorsi minnhom in konnessjoni mal-istess servigi u assistenzi kif fuq inghad.

2. tikkundahom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn
din il-Qorti.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 14 tal-process fejn eccepew:

1. Illi in linea preliminari, it-talbiet attrici li jirrisalu ghal zmien ta' aktar minn hames snin qabel in-notifika tac-citazzjoni lill-eccipjent huma preskritti skond il-ligi.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, mhu dovut ebda kumpens lill-atturi ghaliex ghaz-zmien li jibqa' mhux kolpit mill-preskrizzjoni d-decujus kienet rikoverata l-isptar u jekk l-atturi rrendew xi servigi lid-decujus dawn kienu adegwatament kompensati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, nkluzi n-noti ta' s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digrieti a fol. 107 u 123;

**II- Fatti**

Illi Tereza Ebejer flimkien ma' huha Giuseppi Ebejer kienet tghix gewwa Haz-Zabbar. L-atturi kienu girien taghha. Illi f'Gunju tal-1982 miet Giuseppi Ebejer u ghalhekk Tereza Ebejer spiccat tghix id-dar wahedha. Hija damet tghix hemmhekk sa meta ddahhlet l-Isptar San Luqa. Mill-isptar San Luqa hija mbaghad marret tghix gewwa d-dar ta' l-anzjani Saint Vincent de Paule fejn mietet fl-14 ta' April 1989.

Illi fit-12 ta' Novembru 1985, in-Nutar Carmelo Lia ippubblika kuntratt ta' donazzjoni li permezz tieghu Tereza Ebejer ghamlet diversi donazzjonijiet lill-atturi Mary Livori, Veneranda Agius u Maria Concetta Livori. Il-valur tad-donazzjoniet fir-rigward ta' dawn it-tliet persuni jammonta ghal Lm350.

Illi fil- 31 ta' Dicembru 1985, in-Nutar Carmelo Lia ippubblika kuntratt ta' donazzjoni iehor li permezz tieghu Tereza Ebejer ghamlet, fost donazzjonijiet ohra, diversi donazzjonijiet lill-atturi Anthony u Mary Livori. Il-valur tad-donazzjoniet fir-rigward ta' dawn iz-zewg persuni jammonta ghal circa Lm150.

**Is-Servigi Rezi**

Illi hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni jekk gewx rezi servigi mill-atturi lid-*decujus* Tereza Ebejer.

L-atturi qed jallegaw illi ghal snin twal qabel il-mewt ta' Ebejer huma pprestawlha servigi u assistenza meta dina kienet ghadha toqghod fid-dar ta' Haz-Zabbar u kienet gara taghhom, kif ukoll meta hija dahlet gewwa d-dar tal-anzjani f'Has-Serh. Dawn is-servigi, skond l-atturi, kienu jikkonsistu filli:

- l-attur Anthony Livori kien imur kuljum id-dar ta' Tereza Ebejer u jdum ta' l-inqas kwarta. Minbarra illi jipprovdi wens lil Ebejer billi joqghod jitkellem maghha, huwa kien jaghmel ukoll xoghol ta' handyman ghax kien jirranga dawk l-affarijiet li kienu jkunu bil-hsara bhal viti tal-ilma u l-mejjilla. Kien jiehu wkoll hsieb tal-gnien billi jaghzaq u jsaqqi.

- l-attrici Mary Livori kienet taqdi lil Tereza billi taghmlilha x-xiri ta' kuljum, inkluz frott, laham, pitrolju u xi drabi kienet tmurilha wkoll l-ispizerija. L-attrici kienet tibaghatilha regolarment, nhar ta' Hadd , ikel u helu, li Ebejer ma setghetx issajjar minhabba illi ma kelliex forn u ghalhekk kienet tapprezzah hafna.

- l-attrici Veneranda Agius kienet taqtaghlha xgharha u kultant taghmlilha xi qadi. Gieli kienet tahslilha l-art u tfarfrilha.

- l-attrici Maria Concetta Pavia kienet tahslilha d-dar kull hmistax u taqlibilha l-hwejjeg bejn stagun u iehor.

- Huma lkoll kienu nhar ta' Hadd fis-sajf johorgu lil Tereza maghhom dawra bil-karozza. Meta kienet fid-dar tal-anzjani huma ta' spiss kienu jmorru jzuruha u johdulha xi affarijiet ta' l-ikel.

Il-konvenut cahad li saru dawn is-servigi billi minn hames snin qabel il-mewt taghha, Tereza Ebejer kienet toqghod gewwa d-dar ta' l-anzjani fejn ma kien jonqosha xejn. Ghalhekk zgur illi ma kellhiex bzonn is-servigi ta' l-atturi.

**Tikkunsidra**

Illi jidher mill-konsiderazzjoni tal-provi illi fil-fatt l-atturi kienu ta' wens ghal Teresa Ebejer u li kienu jirrendulha xi servigi billi jaghmlulha xi qadi u bzonnijiet ta' kuljum.

Il-Qorti tirreferi ghall-incident meta l-konvenut Joseph Vella, flimkien ma' martu marru ghand Ebejer izda din ma fethitx. Huma talbu l-assistenza tal-Pulizija sabiex jisgassaw il-bieb, imma qabel marru l-ghassa marru jinfurmaw lill-familja Livori b'dak li kien qed jigri. B'dan l-agir, il-konvenuti stess juru illi l-atturi kienu jiehdu nteress f'dak li jigri lil Tereza Ebejer.

Ghall-perjodu li fih l-anzjana kienet tghix gewwa Saint Vincent de Paule, il-konvenut stess stqarr illi xi drabi meta kien imur jaraha kien isib membri tal-familja Livori li kienu jzuruha wkoll.

Illi l-Qorti tikkonkludi illi l-atturi kienu fil-fatt irendu servigi lill-anzjana, llum mejta, Teresa Ebejer.

**Preskrizzjoni**

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu illi t-talba attrici hija preskritta billi minn hames snin qabel id-data li fiha gie pprezentat l-att tac-citazzjoni, Tereza Ebejer kienet tghix gewwa St. Vincent de Paule u ghalhekk ma kellhiex bzonn ta' ebda servigi ghax kienet moqdija tajjeb min-nurses.

Illi ghalkemm huwa minnu illi ghaddew hames snin, il-preskrizzjoni kienet giet interrotta minn Tereza Ebejer permezz ta' zewg kuntratti ta' donazzjoni illi hija ghamlet fil-konfront tal-atturi. Ghalkemm f'dawn il-kuntratti, ma giex specifikat illi d-donazzjonijiet kienu qed isiru bhala hlas ghas-servigi rezi mill-atturi, mill-provi migjuba m'hemmx dubju illi dawn saru b'rikonoxximent ta' dak li kien isir ma Teresa Ebejer mill-atturi. Dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghal-hlas tas-servigi (ara f'dan is-sens is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-11

ta’ Jannar 1989, fil-kawza fl-ismijiet Attard vs. Magri; sentenza Catania pro et noe. vs. Agius, deciza minn din l-Qorti tal -11 ta’ Dicembru 2003; u Coleiro vs. Balzan et, deciza minn din l-Qorti fit-2 ta’ Ottubru 2002.)

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-talba attrici m’hijiex preskritta u l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti hija konsegwentement michuda.

**Kumpens Adegwat ghas-Servigi**

L-attur jammetti illi Teresa Ebejer kienet tat lilu u lill-familja tieghu xi affarijiet, izda mhux bi hlas ghas-servigi li huma kienu jrendulha. Huwa jghid, a fol 33 tal-process:

*“ghalkemm Teresa Ebejer kienet tat xi rigali lit-tfal u anki lili u l-marti kienet tatna xi affarijiet, dawn qatt ma tathomlna bi hlas tas-servigi li konna naghmlu maghha. Certament jiena u l-atturi l-ohra qatt ma thallasna ta’ li ghamilna maghha.”*

Illi l-kontendenti f’din il-kawza jaqblu illi Tereza Ebejer kienet xi ftit idejha maghluqa u ghaldaqstant din il- Qorti ma tifhimx ghal liema raguni ohra setghet ghamlet id-donazzjonijiet lill-atturi kif ukoll tat lill-attur Livori il-permess sabiex jiehdu l-oggetti mobbli kollha li kien hemm f’darha. L-indikazzjonijiet huma illi Ebejer ghamlet dan sabiex tikkompensahom tas-servigi rezi lilha u mhux kapriccjozament.

Illi l-atturi jaccettaw illi huma kienu marru bit-truck/ijiet sabiex jiehdu l-oggetti mobbli mid-dar ta’ Tereza Ebejer. L-attur jallega illi ma lahqux hadu kull ma kienu ntitolati ghalih, izda l-Qorti tifhem illi kieku dak kien il-kaz, huma setghu facilment jergghu immorru f’data ohra u jiehdu l-kumplament. Il-konvenuti xehdu li l-atturi kienu zarmaw kollox. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-atturi hadu kull ma kellhom dritt jiehdu mid-dar ta’ Ebejer.

Illi l-attur Anthony Livori, qabel ma fetah din il-kawza, kien kiteb lill-konvenut Vella fejn infurmah illi tas-servigi rezi

minnu, kien qieghed jippretendi mhux anqas minn hames mitt lira.

Illi meta tigi biex tikkalkola kumpens adegwat il-Qorti ghandh tikkunsidra certi fatturi fosthom il-kwalita ta' servigi rezi lid-decujus qabel il-mewt tieghu. Il-Qorti tifhem illi sakemm Ebejer kienet tghix fid-dar ta' l-anzjani, is-servigi rezi mill-atturi kienu ta' natura minima ghaliex hija kienet moqdija tajjeb min-nurses ta' l-isptar. Meta Tereza Ebejer kienet ghadha d-dar, specjalment wara l-mewt ta' huha, is-servigi rezi lilha kienu aktar impenjattivi ghax fil-waqt illi hija ma kinitx *bedridden*, hija ma kinitx tohrog mid-dar. Minhabba l-karattru difficli taghha, li fuqu hemm qbil bejn il-kontendenti, ma kinitx facli li wiehed irendi dawn is-servigi lill-anzjana.  Dawn is-servigi gew rezi mill-atturi mill-mewt ta' huha, sal-jum meta hija ddahhlet fil-*home*, jigijieri cirka tliet snin.

Illi l-atturi rrendew servigi lil Teresa Ebejer izda ta' dan huma diga gew sufficjentement u adegwatament kompensati bid-donazzjonijiet li saru u bl-ghamara li hadu u dana meta wiehed jikkunsidra n-natura u d-durata ta' dawn is-servigi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta' l-atturi
Kull parti ghandha tbati l-ispejjez  taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------